MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 68/2013

Appell Numru: 68/2013

Il-Pulizija

[Spettur Robert Vella]

Vs

Alfred Xuereb

Illum, 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alfred Xuereb, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 138379M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fix-xahar ta' Settembru, 2012 u fix-xhur ta' qabel fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera:

1. Bl-imgieba tiegu ikkaguna lil Silvana Dalli li tibza li se tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li din l-imgieba tieghu kienet qed tikkaguna biza u dan bi ksur ta' l-artikolu 251(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli gab ruhu b'tali mod li ta' fastidju lil Silvana Dalli, meta kien jaf jew messu li kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju kontra din il-persuna u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli kiser sentenza u obbliazzjoni tal-Qorti moghtija mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. fil-25 ta' Mejju, 2011.

Il-Qorti giet mitluba meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Silvana Dalli jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew miflok il piena applikabbli ghar-reat, turbot lil Alfred Xuereb b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet lill akkuzat hati talli fix-xahar ta' Settembru, 2012 u fix-xhur ta' qabel fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera:

1. Bl-imgieba tiegu ikkaguna lil Silvana Dalli li tibza li se tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li din l-imgieba tieghu kienet qed tikkaguna biza u dan bi ksur ta' l-artikolu 251(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli gab ruhu b'tali mod li ta' fastidju lil Silvana Dalli, meta kien jaf jew messu li kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju kontra din il-persuna u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli kiser sentenza u obbliazzjoni tal-Qorti moghtija mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. fil-25 ta' Mejju, 2011 u dan skond l-artikolu 251(a) u (b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 28 tal-istess Kodici.

In rigward il-piena, jidher li l-akkuzat sallum ma tghallimx illi ghandu jobdi lill-Qorti u ghadu qed jippersisti fl-agir u fl-imgieba fil-konfront tal-parte civili.

Ghalhekk irrendiet operattiva l-imsemmija sentenza sospiza kif ukoll timponi perjodu iehor ta' prigunerija. Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija kif ukoll tirrendi operattiva s-sentenza sospiza ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant George Camilleri minnu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinstab bil-fatt illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi tant hu hekk li lanqas biss m'ghaddietx biex tezamina l-verzjoni tax-xhieda prodotti in difiza.
2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha semplicement esprimiet illi "Peress li mill-provi li stemghu gew prodotti l-Qorti tara u hi konvinta minghjar ebda dubju li l-akkuzat, konsistentement, bl-imgieba u agir tieghu ikkaguna biza fl-istess parte civile u qed ikun ta' fastidju fil-konfront tal-istess parte civile". Bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, l-Qorti forsi qieset l-aspett visiv tax-xhud parte civile cioe` "l-imgieba, karattru u kondotta" li jista` jkun konsiderazzjoni dwar kredibbilita, izda fl-umli fehma tal-esponenti naqset milli thares lejn il-linji guida

l-ohrajn imsemmija fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Dan qed jinghad ghaliex ma hemmx dubju illi Silvana Dalli, visivament ghandha karattru imponenti, vuci soda, karattersitici illi titlob hniena u fuq kollox determinanti b'mod illi lanqas tieqaf tghid. Ix-xhud ta' l-imputat Tania Formston min-naha l-ohra, minbarra li kienet preciza u veritiera fir-rakkont tal-fatti kif graw ezattament, hija bniedma illi tkellmet b'ton kwazi li lanqas jinstema u fuq kollox hija kalma.

3. L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali pero` jipprezenta linji guida ferm aktar importanti ghall-gudikant illi ghandu jiddeciedi fuq il-kredibbilita ta' xhud. Dan ghandu jara jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa, jew hix msahha minn xhieda ohra u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Bl-akbar rispett, il-verzjoni ta' Tania Dalli ma hix verosimili u lanqas msahhau dang has-segwenti ragunijiet:-

- Tania Dalli qatt ma xehdet illi hija rat lill-akkuzat ghaddej minn hdejn il-bieb taghha u minbarra hekk qatt ma xehdet b'mod preciz meta kienu x-xhur ta' qabel u x'gara f'dawk ix-xhur.
- Ix-xhieda ta' Silvana Dalli ma hix imsahha la minn xhieda ohra u lanqas mic-cirkostanzi u l-buon sens.
- Illi di piu` Dalli fl-ewwel imputazzjoni irraportat lib l-imgieba ta' l-akkuzat bezat li ser tintuza vjolenza kontriha meta hu lanqas biss kellimha jew hares lejha. Allura wiehed jistaqsi: kif jista` jinstab hati?
- Illi ma tistax tifthiem kif l-ewwel Qorti ddecidiet temmen il-verzjoni tal-parte civile meta kif intqal il-fuq lanqas biss rat l-akkuzat jipparkja l-karozza u fit-tieni lok, Tania Formston xehdet that gurament li hi kienet bil-vettura ta' l-akkuzat.

Illi f'dan il-kaz, b'mod generali, jezisti d-dubju dettat mir-raguni u tali dubju f'kaz ta' konflitt ta' provi ghandu jmur favur l-imputat.

Illi bir-rispett s-sentenza esebita, setghet influwenzat lill-gudikant izda bir-rispett din ma kellha xejn x'taqsam mal-mertu ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

L-appellant gie akkuzat illi f'Lulju tal-elfejn u tnax (2012) fi Triq il-Kbira San Guzepp f'Santa Venera ikkaguna biza' lil ex siehba tieghu Silvana Dalli, gab ruhu b'fastidju ghall-istess Dalli kif ukoll illi kiser sentenza u obbligazzjoni tal-Qorti moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju elfejn u hdax (2011). B'sentenza moghtija fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija kif ukoll irrendiet operattiva sentenza sentenza sospiza ta' sitt (6) xhur prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi illi rrizultaw quddiemha.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi l-vettura Toyota Starlet bin-numru JBG 627 hija proprjetà tal-appellant u fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) din il-vettura kienet ipparkjata vicin ir-residenza ta' Silvana Dalli. Peress illi din kellha xi ordni ta' protezzjoni tal-Qorti deherilha illi kellha tirrapporta l-kaz lill-pulizija li ipprocedew kontra l-appellant bl-akkuzi fuq imsemmija.

PS 1314 Raymond Ambrogio xehed illi dakinhar tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) giet Silvana Dalli mbezza' u rrappurtat illi vicin tar-residenza taghha kien hemm Toyota Starlet ta' kulur abjad JBG 627 proprjetà ta' Alfred Xuereb meta suppost kien hemm ordni tal-Qorti illi dan Xuereb ma kellux ikun fil-vicinanzi taghha. Minn investigazzjonijiet li ghamel l-istess surgent irrizulta l-karozza dak il-hin kienet qed tigi uzata minn habiba ta' habib tal-appellant li marret id-dar sabiex tbiddel iz-zarbun. L-appellant ma kienx jaf li l-karozza tieghu kienet vicin id-dar ta' Silvana Dalli. Kien ghalhekk imbaghad illi fuq insistenza tas-surgent l-appellant mar vicin ir-residenza ta' Silvana Dalli biex ha l-karozza.

Silvana Dalli xhedet illi l-appellant hu l-ex boyfriend taghha. Waqt il-festa ta' Santa Venera tal-elfejn u tnax (2012) il-karozza tieghu kienet ipparkjata quddiem il-garaxx ta' ommha. It-tifla infurmatha b'dan però l-karozza ratha u marret dritt l-ghassa u ghamlet rapport lis-surgent Ambrogio. Dana gie u ra l-karozza u dak il-hin cempel lill-appellant sabiex jigi jiehu l-karozza. Dan ghamel hekk xi tlett kwarti wara li Silvana Dalli ghamlet ir-rapport. Iddikjarat illi 'l-appellant ma ratux fl-inhawi hlief meta gie biex jiehu l-karozza.

Tania Formston xhedet illi f'Lulju tal-elfejn u tnax (2012) kienet issellfet il-karozza tal-appellant sabiex taghmel qadja vicin ir-residenza taghha u ipparkjat quddiem il-garaxx ta' omm Silvana Dalli. Ma kinitx taf dak il-hin illi dana kien taghha. Wara xi tlett kwarti cempillha l-appellant u qallha illi kien ser jigi jiehu l-karozza kif fil-fatt ghamel.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti ma thossx illi ghandha ssib htija fil-konfront tal-appellant. Kemm il-parti leza Silvana Dalli kif ukoll ix-xhieda l-ohra illi taw id-depozizzjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti, qalu li l-appellant ma kien fl-ebda hin vicin ir-residenza taghha hlief ghal dawk il-mumenti meta gie biex jirtira l-karozza. Terga' u tghid lill-parti leza ma kellimhiex u lanqas kien hemm kuntatt bejniethom. Il-parti leza, però, dehrilha illi kellha taghmel rapport lill-pulizija peress illi hassitha mbezza' bil-prezenza tal-karozza tal-appellant wara l-bieb tal-garaxx ta' ommha. Din il-Qorti però ma jidhrilhiex illi l-prezenza ta' karozza tista' tikkawza dan it-tip ta' biza'. Huma l-persuni li jistghu jikkagunaw biza' u mhux xi oggetti bla hajja. Il-parti leza ma kinitx ragjonevoli fir-rapport taghha fejn din qabdet u qabzet ghall-konkluzjonijiet minghajr ma ivverifikat sew il-fatti. Sewwa ghamlet illi marret tkellem lill-pulizija però min-naha l-ohra meta giet moghtija l-ispjegazzjoni ma kellhiex tibqa' tinsisti bir-rapport. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-verzjoni moghtija mid-Difiza hija probbabilment vera u l-ewwel Qorti ma kinitx ragjonevoli meta iddecidiet illi ssib htija fil-konfront tal-appellant. Huwa veru, forsi, illi l-code of conduct tieghu huwa tali illi jista' jgib biza' fil-persuna ta' Silvana Dalli. Però kull kaz ghandu l-istorja tieghu u f'dan il-kaz ma kienx l-appellant vicin id-dar ta' Silvana Dalli izda Tania Formston illi uzat il-karozza tal-appellant biex ghamlet qadja personali ghaliha.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fejn sabet il-htija.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------